MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2009

Numru 255/2006

**Pulizija**
**(Spettur Ian Abdilla)**

**vs**

**Jason Spiteri**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Jason Spiteri ta’ 30 sena, iben Frans u Marianne nee’ Mercieca, imwieled Pieta fil-21 ta’ Dicembru 1975 u li joqghod f’194, Victory Street, Hamrun, detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 39076M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, u cioe’ fil-perjodu ta’ Dicembru 2005 u fil-granet u ix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru

l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1. Ikkommetta serq ta' cekk-book tal-Bank of Valletta plc ghad-detriment tal-kumpanija High Point Limited.

2. Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' ghamel falsifikazzjoni tal-firma ta' Joseph Philip Farrugia, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 717243(M), fuq cekkijiet tal-Bank of Valletta plc. (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 183 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

3. Xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza, imsemmija fl-imputazzjoni (2), (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

4. Talli iffalsifika cedola, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu ipprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' l-oggetti, jew jigbor depozitu, jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 167 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

5. Talli xjentement ghamel uzu minn cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra falsifikati, imsemmija fl-imputazzjoni (4) (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 169 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

6. B'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha ta' haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew

sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn Lm1,000 bi hsara tal-persuna Joseph Philip Farrugia u persuni ohra (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

7. Xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal jew bieghhom jew mexxihom (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

8. Illi b'hekk hu Jason Spiteri sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-22 ta' Jannar, 2001, 22 ta' Ottubru 2001, 31 ta' Ottubru 2002 u 12 ta' Dicembru 2002.

Rat li l-Prosekuzzjoni fl-udjenza tas-6 ta' Frar 2009 irtirat it-tmien akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat.

Rat li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li s-seba' akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tas-6 ta' Frar, 2009 ghall-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall- ewwel sitt akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal- ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputat ikoppera bis-shih fil-kors ta' l-investigazzjonijiet u l-fatt li giet registrata ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u fic-

cirkostanzi ma jidrilhiex li ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 183, 184, 167 (1), 284, 285, 169, 308, 309, 310 (1) (i), issib lill-imputat hati tal- ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin millum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 28 H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna lill-imputat sabiex sa zmien sitt (6) xhur millum ihallas lil Joseph P. Farrugia fil-kwalita' tieghu ta' direttur ta' High Point Limited is-somma ta' tlett elef u tlieta u tmenin Ewro (3,083€) ekwivalenti ghall-elf tlett mija tlieta u ghoxrin liri Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm 1323.52). Peress li s-seba' akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha. L-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tmien akkuza liema akkuza giet irtirata mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti fissret fi kliem car l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat minn naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jonqos milli josservaha.

Il-Qorti tordna ukoll li ai termini tal-Artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din is-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------